MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 612/2007

**Kurt Bonello**

**Vs**

**Matthew Farrugia**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn seba' mija erbgha u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmi (€2794.18) gja elf, mija, disgha u disghin Lira Maltin u erbgha u hamsin centezmi (Lm1,199.54) rapprezentanti xiri ta' vettura Fiat Tipo Numru CAE-334 minghand il-konvenut, liema prezz thallas lill-konvenut u ghal tiswijiet u benefikati fuq l-istess vettura.

Illi l-prezz tal-vettura kienet Lm750 ta' dak iz-zmien , liema prezz thallas.

Illi waqt in-negozjati qabel il-bejgh il-konvenut kien accerta lill-konvenut illi m'ghandu jkun hemm l-ebda problema biex il-vettura tigi registrata fuq ismu u li d-dettalji fuq il-*log book* tal-vettura kienu regolari u konformi ma` l-vettura.

Illi ma` l-konsenja tal-vettura l-attur ghamel tiswijiet u benefikati fuq il-vettura u nefaq is-somma ta' Lm474.54 ta' dak iz-zmien ghal xoghol u *parts.*

Illi meta l-attur mar biex jirregistra l-vettura fuq ismu gie mgharraf mill-awtoritajiet kompetenti illi din ir-registrazzjoni ma setghetx issir ghaliex kien hemm diskrepanzi bejn dettalji tal-vettura fuq il-vettura nfisha u d-dettalji fuq il-*log book.*

Illi f 'dawn ic-cirkostanzi l-attur jirritjeni illi l-bejgh ghandu jigi rexiss billi l-kunsens gie vizzjat minhabba zball u/jew qerq da parti mill-konvenut u l-attur jippretendi rifuzjoni tal-prezz li hallas u l-ispejjez li nkorra.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut fejn eccepixxa illi t-talba ghandha tigi michuda peress illi dana t-Tribunal m'ghandux kompetenza jiddeciedi talba tat-tip kif saret mill-attur.

Fil-mertu u bla pregudizzju l-esponenti m'huwa responsabbli ghal ebda varjazzjoni fl-informazzjoni tal-vettura u ghalhekk isegwi li ma sar ebda zball u/jew qerq biex tigi vizzjata l-kunsens ta` l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta' Kurt Bonello, Matthew Farrugia, Brian Barbara, Ryan Barbara, Stephen Cachia.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Ra illi fit-30 ta' Novembru, 2007 inghatat sentenza in parte, fejn it-Tribunal iddecieda illi m'ghandux kompetenza jiddeciedi dwar ir-rexxisjoni tal-ftehim ta' bejgh tal-vettura izda seta' jiddeciedi dwar ir-rifuzjoni tal-prezz u ghaldaqstant t-Tribunal ordna l-prosegwiment ghas-smigh tal-kawza ghar-rifuzjoni ta' Lm1,199.54 mill-konvenut bhala l-prezz ta' vettura mibjugha lilu, kif ukoll allegati tiswijiet u benefikati fuq l-istess vettura. It-Tribunal huwa tal-fehma illi kawza ghar-rexissjoni ghandu ghalhekk jinstema *f'forum* iehor.

IKKUNSIDRA

Mill-atti jirrizulta li l-vettura inxtrat minghand l-attur ghal prezz ta' Lm750. Illi ma` l-konsenja tal-vettura l-attur ghamel tiswijiet u benefikati fuq il-vettura ta' Lm474.54 xoghol u *parts*. L-attur allega illi meta mar biex jirregistra l-vettura fuq ismu din ir-registrazzjoni ma setghetx issir ghaliex kien hemm xi diskrepanzi bejn dettalji tal-vettura fuq il-vettura kif ukoll *fil-log book.*

Illi mill-provi jirrizulta illi l-attur kien xtara vettura uzata mill-konvenut. Illi huwa kien saqsa lill-konvenut ghall-*log book* sabiex jivverifika xi affarijiet fil-vettura izda l-*log book* ma kienx inghata lilu fl-ewwel laqgha li kellu ma` l-konvenut. L-attur kif ukoll xhud prodott mill-attur sostnew illi l-attur kien saqsa lill-konvenut jekk in-numru fil-*log book* kien jaqbilx man-numru fil-magna u l-konvenut kien ikkonfermalu illi n-numri jaqblu izda wara li kien ghamel it-tiswijiet mekkanici necessarji u dahal f'hafna spejjez, meta wasal sabiex jaghmel il-'VRT' sab illi n-numru tal-magna ma kienx jaqbel man-numru imnizzel fil-*log book.* Illi rrizulta illi t-*transfer* tal-vettura u cioe' r-registrazzjoni tal-vettura fuq isem l-attur kienet saret. Illi ghalkemm irrizulta illi s-sid tal-vettura skond il-*log book*, kien terza persuna u mhux il-konvenut it-*transfer* xorta wahda sehh. Illi mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-Awtorita' tat-Transport, gie konfermat illi l-vettura in kwistjoni giet irregistrata fuq isem l-attur fid-19 ta' Frar, 2007 u llum tappartjeni lill-attur. Izda,

l-problemi nqalghu meta sussegwentement l-attur mar sabiex jaghmel il-VRT fuq il-karozza li kien xtara minghand il-konvenut, u sab li kien hemm diskrepanza fin-numru tal-magna kif imnizzel fil-*log book* ghan-numru imnizzel fuq il-magna tal-vettura in kwistjoni.

Mill-provi rrizultaw illi l-vettura in kwistjoni kellha zewg sidien ohra qabel l-attur. Illi z-zewg sidien ohra ma kienux il-konvenut, ghalkemm huwa kien xtara l-vettura minn Clint Calleja, l-ahhar persuna rizultanti fil-*log book* bhala sid il-vettura CAE-334. Il-konvenut qal illi huwa kien xtara l-vettura minghand Clint Calleja fis-sajf ta` l-2006 u ma kienx rregistra f’ismu ghaliex ma kienx juza, ghalkemm huwa kien hareg polza ta’ assikurazzjoni ghall-vettura f’ismu. Illi rrizulta ukoll illi l-ahhar VRT fuq il-vettura CAE-334 kienet saret f’Marzu ta` l-2005 u l-konvenut qatt ma kellu bzonn jiehu l-vettura ghal VRT fiz-zmien li kienet fil-pussess tieghu. Illi xehed ukoll illi huwa qatt ma ghamel tiswijiet fil-magna.

It-Tribunal jirrilleva illi mill-ahhar VRT li kien sar f’Marzu ta` l-2005 ma kienx hemm diskrepanzi fin-numri. Il-VRT skada meta l-attur kien xtara l-vettura u allura kien imissu jehodha ghal VRT, xahar wara li kien xtara il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAE-334.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi meta jirrizulta diskrepanza fin-numru tal-magna man-numru li jkun imnizzel fil-*log book* l-vettura ma tistghax tigi mibjugha. Izda mill-provi rrizulta illi t-*transfer* tal-vettura kienet saret b’ezitu posittiv u l-vettura llum hija rregistrata f’isem l-attur.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi meta wiehed jkun qieghed jixtri vettura ‘sekonda mano’ u f’dan il-kaz kien qed jixtriha ‘terza mano’ certi verifiki partikolarment fejn jidhol il-*log book* ghandhom isiru bir-reqqa. Evidentement sar zball minn naha ta` l-attur meta huwa ma kienx ivverifika d-dettalji kollha imnizzlin fil-*log book* ma` l-vettura stess fil-mument li mar jirregistra l-vettura f’ismu. It-Tribunal jirrilleva illi l-attur qaghad fuq il-kelma tal-konvenut. Illi mill-provi jirrizulta illi l-konvenut qatt ma kien wasal sabiex jaghmel il-VRT peress illi huwa kien xtara l-vettura disa’

xhur qabel minn terza persuna. Irrizulta ukoll illi l-konvenut qatt ma kien ghamel tiswijiet fil-magna. Illi f'Marzu, 2005 l-ahhar darba li kien sar VRT fuq il-vettura in kwistjoni, in-numru tal-magna kien jaqbel ma` n-numru imnizzel fil-log book. Irrizulta mix-xhieda tal-konvenut illi sar jaf wara li nbdiet l-kawza illi s-sid ta' qabel kien ghamel xi tiswija fil-magna u qal ukoll illi l-mekkanik ta' fiducja tat-tieni sid tal-vettura u cioe' Clint Calleja, kien l-istess bniedem li kien ghamel il-VRT fl-2005. Illi rrizulta wkoll illi qatt ma kien sar *transfer* bejn il-konvenut u l-ahhar sid fuq il-*log book* tal-vettura in kwistjoni. Izda t-Tribunal huwa konvint illi l-vettura kienet fil-pussess ta' Matthew Farrugia ghal tul taz-zmien qabel ma inbejghet lill-attur.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma lli l-attur ma kellux interess illi jbiddel il-magna huwa stess u ghalhekk jifhem ghaliex illi huwa jhossu ngannat. Izda t-Tribunal jirrilleva illi huwa nuqqas ta' hsieb da parti ta' min qieghed jixtri vettura li tkun bidlet hafna idejn, illi ma jivverifikax dak li jkun fil-fatt qieghed jinbejghlu huwa minnu. Illi c-cirkostanzi tal-kaz, huwa wiehed fejn il-VRT kien jahbat ferm qrib it-*transfer* u registrazzjoni tal-vettura, illi l-attur kien gab habib tieghu li jifhem fl-inginerija, li missu fil-fehma tat-Tribunal insista li jara illi n-numru tal-magna taqbel ma` dak indikat fil-*logbook*. Izda dan ma sehhx. Illi huwa minnu illi meta sar it-*transfer* il-vettura giet mibjugha lill-attur kif ukoll giet registrata f'ismu bl-effetti kollha tal-ligi. Illi sakemm il-vettura ma gietx trasferita din kienet ghada ssejjah lit-terza persuna u cioe' lil Clint Calleja.

Illi mix-xhieda tal-konvenut irrizulta illi wara li nbdiet il-kawza u kien mar ghand Clint Calleja, sar jaf illi l-mekkanik ta' Clint Calleja hija ukoll is-socjeta' li kienet tiehu hsieb il-VRT. Il-konvenut stqarr illi sar jaf illi gieli kienu saru xi tiswijiet fuq il-magna. Spjega ukoll ghaliex huwa ma kellux interess jiehu l-vettura ghand tal-VRT peress illi z-zmien ghal VRT kien ghadu ma ghalaqx.

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu talba ghal rifuzjoni tal-prezz ta' vettura li nbejghet lil attur b'qerq minn naha tal-konvenut peress illi meta l-attur mar sabiex jirregistra l-vettura fuq ismu gie mgharraf mill-awtoritajiet kompetenti

illi din ir-registrazzjoni ma setghetx issir ghaliex kien hemm diskrepanzi. Mill-provi rrizulta illi r-registrazzjoni tal-vettura kienet saret b'ezitu posittiv. Izda l-attur intebah bid-diskrepanza meta huwa ha l-vettura ghal VRT fil-mument mistenni minnu. In konkluzzjoni, r-registrazzjoni fil-fatt sehhet u l-vettura kienet ormaj tappartjeni lill-attur.

Illi t-Tribunal jhoss illi l-attur ma kien sab ebda problema sabiex il-vettura tigi registrata f'ismu u t-*transfer* tal-vettura kien wiehed regolari. In konkluzzjoni l-attur gie mgharraf mill-awtorita' tat-Trasport illi l-vettura CAE-334 giet registrata f'ismu. Illi l-izball sar meta t-*transfer* tal-vettura saret minghajr verifiki tal-kontenut tal-*log book*, partikolarment fin-numri tal-magni u *chassis*.

Illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza jirrexindi l-ftehim ta' bejgh milhuq bejn il-partijiet u ghalhekk ghandu ghal dan il-ghan, jirrikorri ghal *forum* iehor.

Wara li sema` l-provi t-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi, il-konvenut m'ghandux jirrifondi lill-attur il-prezz li thallas u l-ispejjez inkorsi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------